**Minuti tad-disgħa u erbgħin (49) laqgħa tas-seba' leġislatura tal-Kunsill Lokali tal-Fontana li saret nhar it-Tlieta 26 ta' Lulju 2016 fit-3.00pm fis-Sala tal-Kommunita'.**

Preżenti għal-laqgħa:

| | |
|---|---|
| Is-Sur Saviour Borg | Sindku |
| Is-Sur Victor Cefai | Viċi Sindku |
| Is-Sur Horace Micallef | Kunsillier |
| Is-Sur Carmel Farrugia | Kunsillier |
| Is-Sur Mario Mercieca | Kunsillier |
| Is-Sur Ivan Attard | Aġent Segretarju Eżekuttiv |

1. <u>Talba, Qari u Approvazzjoni tal-Minuti u punti mqajma mill-minuti</u>

1.1 Il-laqgħa ġiet ippreseduta mis-Sindku Saviour Borg u bdiet b'talba.

1.2 Il-minuti tal-laqgħa numru 48 li saret nhar il-Ġimgħa 1 ta' Lulju 2016 ġew approvati mill-membri preżenti u iffirmati mis-Sindku u mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv.

Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-minuti tal-laqgħa b'urġenza li saret nhar il-Ġimgħa 4 ta' Marzu 2016 għadhom ma ġewx ippreparati mill-ex Segretarju Eżekuttiv. Dan minkejja li inġibdet l-attenzjoni dwar dan diversi drabi. Fid-dawl ta' dan, is-Sindku propona u l-Kunsill qabel li għandna ninfurmaw lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali b'dan in-nuqqas.

<u>Punti mqajma mill-minuti</u>

Is-Sindku Saviour Borg informa lill-Kunsill li:

1.3 Għandna niktbu lill-Perit Toni Bezzina sabiex ilesti d-dokumentazzjoni li kellu jagħmel għal xogħol tal-Kunsill. Irridu nitkellmu miegħu rigward l-istimi li għamel għax-xogħol fl-aħħar ħamsa u tletin metru ta' Triq John Gaspard Le Marchant. Ġie innotat li l-istima għall-bankina li ser issir għall-*belvedere* fl-imsemmija triq saret għal xogħol bil-konkos meta fil-fatt, kien intqal lilu li din trid issir bil-*paving blocks* bħalma hu l-*belvedere* kollu tal-imsemmija triq. Barra minn hekk, irid jiġi mistoqsi lilu dwar it-tul tal-kurduna (madwar 117-il metru) li hemm fl-istima minħabba li jidher li hemm xi diskrepanzi. Irridu nitkellmu miegħu wkoll sabiex jieħu ħsieb japplika mal-PA rigward ix-xogħol ta' irranġar


Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

ta' diversi sqaqien pubbliċi bil-*porfido* kif ġie deċiż fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill. Is-Sindku propona u l-Kunsill qabel li għandna napplikaw għal fondi tal-*Leader Programme* meta dawn joħorġu min-naħa tal-*Gozo Action Group*.

1.4 Il-*wires* tat-telefon fi Triq is-Sajjieda tneħħew kollha mill-ħaddiema tal-kumpanija Go plc. B'hekk, it-triq ħadet dehra isbaħ.

1.5 Wara pressjoni li saret min-naħa tal-Kunsill u min-naħa ta' uffiċjali għolja mill-Korporazzjoni Enemalta, il-bozoz ta' mal-arbli inxtegħlu kollha minbarra waħda fi Trejqet Dun Ġużepp Grima. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill Lokali li l-applikazzjonijiet min-naħa tagħna ntbagħtu u għaldaqstant ser niċċekkjaw x'ġara rigward din il-bozza.

1.6 Rigward il-kwistjoni pendenti li hemm mal-kuntrattur Nicholas Zammit għall-ġbir ta' skart goff (*bulky refuse*) fil-lokalita', l-avukat Dr. Jean Paul Grech (f'isem il-Kunsill) bagħat ittra uffiċjali lill-kuntrattur għat-terminazzjoni tal-imsemmi kuntratt. Il-Kunsill bagħat ukoll il-ħlas ta' € 173.75c li huwa l-bilanċ li kien għadu dovut lill-kuntrattur għas-servizzi li offra bejn Settembru 2015 u Marzu 2016 skont ir-*records* tal-Kunsill. Minn dawn l-istess *records* jirriżulta li, f'dan il-perijodu, il-kuntrattur Nicholas Zammit għamel ħamsin ġabra li minnhom kien diġa' tħallas ta' ħamsa u għoxrin waħda u għaldaqstant kien fadallu jitħallas ta' ħamsa u għoxrin ġabra oħra.

Il-laqgħa tal-Kunsill ġiet sospiża fl-4.00pm biex il-Kunsill seta' jikkuntattja lill-avukat Dr. Jean Paul Grech għall-kummenti u l-parir tiegħu. Peress li l-avukat ma setax ikellimna, il-Kunsill iddeċieda li għandna nikkuntattjawh aktar tard matul l-istess laqgħa biex din il-kwistjoni tiġi riżolta. Il-laqgħa kompliet fl-4.10pm.

1.7 Rigward is-sitwazzjoni attwali tal-latrina pubblika fi Triq Ta' Mulejja, is-Sindku informa lill-Kunsill li mill-aħħar laqgħa sal-lum, intbagħtu żewġ *default notices* lill-kuntrattur Carmel Xerri responsabbli mit-tindif u l-manutenzjoni tal-imsemmija latrina. Dawn id-*default notices* kienu akkumpanjati bir-ritratti.

Is-Sindku Saviour Borg qal li f'dawn l-aħħar ġimgħat, is-sitwazzjoni tal-latrina baqgħet ma ġietx għall-aħjar. Kif wieħed jista' jara, it-*toilets* fil-latrina qed ikunu maħmuġin, il-latrina ilha mitfija għal diversi jiem, il-*flushing* mhux qed jaħdem, il-mera għadha mtebbgħa u l-latrina mhix qed tissakkar matul il-lejl. Dan jista' jagħti lok għal abbużi bla bżonn. Is-Sindku staqsa wkoll jekk il-kuntrattur kienx għamel polza tal-assikurazzjoni meta tefa' d-dokument tal-offerta.

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Ivan Attard innota li l-punti rigward is-*sub-contracting* u l-polza tal-assikurazzjoni kellhom jiġu diskussi meta ngħatat din l-offerta u għaldaqstant hu jrid jiċċekkja sew id-dokument tal-offerta biex jara


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

x'jgħid eżattament. Is-Sindku qal li kien fir-responsabbilita' tas-Segretarju Eżekuttiv ta' dak iż-żmien li jara li dak li jkun miktub fit-tender, ikun sar qabel ma jiġi iffirmat il-kuntratt.

Wara diskussjoni qasira, is-Sindku propona u l-Kunsill qabel li għandna nibqgħu nibagħtu d-*default notices* lill-kuntrattur sabiex in-nuqqasijiet imsemmija jiġu rimedjati mill-aktar fis possibbli sabiex noffru l-aħjar servizz lir-residenti u lil dawk li jużaw il-latrina pubblika tagħna. Rigward il-mera mitquba, ġie deċiż li din għandha tinbidel mill-Kunsill u l-ammont jinqata' mill-ħlas għas-servizz tax-xahar ta' Lulju jew Awwissu.

2. <u>Komunikazzjonijiet mis-Sindku</u>

Is-Sindku Saviour Borg informa lill-Kunsill li:

2.1 Nhar il-Ħamis 30 ta' Ġunju 2016, hu flimkien mal-Kunsillier Horace Micallef attendew għaċ-ċerimonja tal-inawgurazzjoni uffiċjali tal-proġett tal-MasterpLan taċ-Ċittadella mill-Onorevoli Prim Ministru Dr. Joseph Muscat u l-Onorevoli Ministru għal Għawdex Dr. Anton Refalo.

2.2 Nhar it-Tlieta 5 ta' Lulju 2016, ġiet organizzata l-ħdax-il ħarġa annwali għal Sqallija. Il-grupp żar l-istabbiliment *Auchan* ta' Sirakuża, l-ikla f'Agrituriżmu fir-riserva naturali tal-Vendicari, Marina di Modica, stabbiliment tal-inbid u Marzamemi. Attendew ħamsa u tletin persuna fosthom is-Sindku flimkien mal-Kunsilliera Carmel Farrugia u Horace Micallef.

2.3 Nhar il-Ġimgħa 8 ta' Lulju 2016, l-Aġent Segretarju Eżekuttiv Ivan Attard attenda għall-konferenza stampa li matulha saret it-tnedija uffiċjali tas-servizz tal-ġbir ta' skart organiku f'Għawdex li ser jibda fit-30 ta' Settembru li ġej. Din il-konferenza saret fil-Waste Transfer Station f'Tal-Kus, limiti tax-Xewkija.

2.4 Nhar it-Tnejn 11 ta' Lulju 2016 beda jsir it-tqassim tal-boroż tar-riċiklaġġ mill-uffiċċju tal-Kunsill għar-residenti Fontanin. Dan it-tqassim qed isir skont il-ftehim li l-Kunsill iffirma mal-kumpanija GreenMT f'Ġunju li għadda.

2.5 Nhar it-Tnejn 11 ta' Lulju 2016, ġiet organizzata ħarġa kulturali għar-residenti f'Malta. In-nies li attendew żaru l-Fiera l-Kbira f'Montekristo, Ħal Farruġ. Attendew ħamsin persuna fosthom is-Sindku Saviour Borg u l-Kunsillier Horace Micallef.

2.6 Nhar l-Erbgħa 13 ta' Lulju 2016, ġew mixgħula mill-Korporazzjoni Enemalta l-lampi l-ġodda li kien fadal bis-sistema LED.


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

2.7 Nhar il-Ħamis 14 ta' Lulju 2016, sar ix-xogħol neċessarju ta' *patching* temporanju bil-*cold asphalt* ta' Triq il-Kappillan Ġużepp Hili. Dan ix-xogħol sar mill-ħaddiema tad-Direttorat Proġetti u Żvilupp fil-Ministeru għal Għawdex filwaqt li l-materja ġie provdut mill-Kunsill skont kif ġie deċiż fl-aħħar laqgħa.

2.8 Nhar il-Ġimgħa 15 ta' Lulju 2016, ġew imġedda x-xtieli ta' fuq iz-zuntier tas-Santwarju Parrokkjali tal-Qalb ta' Ġesu', tan-niċċa ta' Ġesu' Salvatur u tat-telgħa 'l isfel mill-Knisja.

2.9 Nhar it-Tnejn 18 ta' Lulju 2016, hu u l-inġinier Mario Galea kellhom laqgħa mal-kuntrattur Richard Cauchi dwar il-problema tal-*floodlights* tal-Knisja Parrokkjali peress li minn meta nbidlu min-naħa tar-Reġjun Għawdex b'sistema LED, dawn ma ġewx adattati.

Is-Sindku Saviour Borg qal li, matul din il-laqgħa, irriżulta li l-*floodlights* li jagħtu għal fuq il-kampnar ma jistgħux jinbidlu min-naħa tar-Reġjun peress li l-kampnar mhux devolut. Fid-dawl ta' dan, hu propona u l-Kunsill qabel li għandna nġibu stima ta' dan ix-xogħol u l-bozoz jinbidlu għas-sistema LED minn fondi tal-Kunsill.

2.10 Nhar it-Tlieta 19 ta' Lulju 2016, hu ippreżenta ittra uffiċjali fil-Qorti ta' Għawdex għan-nom tal-Kunsill kontra s-Sur Nicholas Zammit, il-kuntrattur responsabbli mill-ġbir ta' skart goff (*bulky refuse*) fil-lokalita' tagħna. Dan skont kif ġie deċiż fil-laqgħa tal-Kunsill tal-1 ta' Lulju.

2.11 Nhar it-Tlieta 19 ta' Lulju 2016, hu flimkien mal-Aġent Segretarju Eżekuttiv u l-Kunsillier Horace Micallef kellhom laqgħa ma' rappreżentanti tal-Wasteserv u l-kuntrattur Jason Debrincat, responsabbli mill-ġbir tal-iskart, dwar l-introduzzjoni tal-ġbir tal-iskart organiku li ser jibda fil-lokalitajiet ta' Għawdex b'effett mill-Ġimgħa 30 ta' Settembru li ġej.

2.12 Hemm bżonn li jinżabru s-siġar tal-palm li hemm fi Triq ta' Mulejja u fil-*playing field* wara l-Knisja Parrokkjali. Il-Kunsill qabel li għandna nġibu l-awtorizazzjoni neċessarja min-naħa tad-Direttorat tas-Saħħa tal-Pjanti biex ikun jista' jsir dan ix-xogħol.

2.13 Rigward il-proposta ta' proġett li għandna nissottomettu lill-Ministeru għal Għawdex bil-possibilita' li dan ikun iffinanzjat minn fondi tal-Eko Għawdex, is-Sindku propona u l-Kunsill qabel li għandna nipproponu li nagħmlu x-xogħol ta' kisi bil-*porfido* ta' parti miz-zuntier tal-Knisja Parrokkjali.

2.14 Dwar il-mozzjoni li kienet approvata mill-Kunsill dwar it-twaqqif ta' monument li jfakkar il-vittmi tat-traġedji tal-logħob tan-nar fil-Fontana, is-Sindku Saviour


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

Borg propona u l-Kunsill qabel li għandna ninkarigaw lis-Sur Joe Xerri, artist Malti residenti fil-Fontana, sabiex jipprepara disinn ta' dan il-monument li imbagħad jitressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

2.15 Fid-dawl ta' diversi inċidenti tat-traffiku li seħħew fit-triq tax-Xlendi 'l isfel mill-Għejun fejn kien hemm anke fatalita', is-Sindku propona li għandna nitolbu l-approvazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti sabiex tiġi installata *speed camera* matul l-imsemmija triq. Il-Kunsillier Mario Mercieca ma qabilx ma' din il-proposta u qal li għandna nħallu f'idejn Transport Malta sabiex tara hi x'l-aħjar li jsir f'dawn iċ-ċirkustanzi.

Peress li ma kienx hemm qbil unanimu fil-Kunsill, ittieħed vot. B'erba' voti favur u wieħed kontra, il-Kunsill iddeċieda li għandna nitolbu l-approvazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti sabiex jiġu installati numru ta' *speed cameras* matul it-triq tax-Xlendi.

Il-Kunsillier Horace Micallef qal li hu kien talab sabiex jinżebgħu mill-ġdid is-sinjali 'Slow' u l-i*speed limits* f'din l-istess triq u t-talba tiegħu kienet ġiet aċċettata minn Transport Malta.

2.16 Is-Sindku Saviour Borg propona u l-Kunsill qabel li għandna nitolbu l-approvazzjoni ta' Transport Malta sabiex isiru żewġ *bollards* fuq il-bankina ta' quddiem l-Għajn il-Kbira peress li biex jieħdu l-ilma, il-vetturi qed jitilgħu fuq din il-bankina u minbarra li qed jostakolaw it-traffiku, qed issir ħafna ħsara fil-binja tal-Għajn.

2.17 Ġie innotat li xi individwu jew individwi mhux magħrufa ħarrku żewġ qsari li l-Kunsill kien poġġa xi xhur ilu fi Triq l-Isptar San Ġiljan. Ittieħdu wkoll ix-xtieli minnhom diversi drabi. Fid-dawl ta' dan, is-Sindku propona u l-Kunsill qabel li dawn għandhom jiġu rilokati għal fuq il-bankina tas-sala tal-Komunita'. Ser ninkarigaw lill-ħaddiema assenjati mal-Kunsill sabiex jagħmlu dan ix-xogħol.

2.18 Irċivejna *e-mail* mingħand is-Sur Silvio Frendo, Assistent Direttur fid-Dipartiment tal-Gvern Lokali, li fiha informa lill-Kunsill li, fl-email oriġinali mibgħuta lilu mill-ex-Segretarju Eżekuttiv Odette Camilleri, is-Sinjura Camilleri ma tatx l-informazzjoni kollha rigward ix-xogħol ta' asfaltar propost fi Triq il-Għajn. Is-Sur Frendo qal ukoll li ser iressaq din il-materja quddiem id-Direttur biex jiggwidana dwar kif għandna nimxu fuq dan il-każ.

Fid-dawl ta' dan, is-Sindku propona u l-Kunsill qabel li għandna wkoll ninfurmaw lis-Sur Frendo bl-eżitu tal-laqgħa li l-Kunsill Lokali tal-Fontana kellu mal-Onorevoli Ministru għal Għawdex, is-Segretarju Permanenti fi ħdan l-istess Ministeru, id-Direttur Proġetti u Żvilupp u l-Assistent Direttur Proġetti u Żvilupp


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

nhar it-Tnejn 30 ta' Mejju 2016. F'din il-laqgħa, ir-rappreżentanti tal-Ministeru għal Għawdex qalu li ma jsibu l-ebda oġġezzjoni li x-xogħol ta' asfaltar ta' Triq il-Għajn isir mill-Kunsill Lokali tal-Fontana.

2.19 Inġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill rigward mutur bil-pjanċi ta' reġistrazzjoni ingliżi li qed jiġi ipparkjat fi Trejqet Bieb il-Għajn kantuniera ma' Triq is-Sajjieda. Dan il-mutur qed joħloq inkonvenjent għar-residenti li joqogħdu f'dawn it-toroq peress li kien hemm ammont ta' żejt fit-triq. Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li għandna niċċekkjaw min hu s-sid ta' dan il-mutur biex inkunu nistgħu niġbdulu l-attenzjoni.

2.20 Għal xi raġuni jew oħra, il-kuntratt li l-Kunsill Lokali tal-Fontana għandu mas-Sur Jason Debrincat għas-servizz ta' ġbir ta' skart domestiku fil-lokalita' tagħna ma nstabx fl-uffiċċju amministrattiv. Fid-dawl ta' dan, is-Sindku Saviour Borg propona u l-Kunsill qabel li għandna nitolbu kopja tiegħu lill-kuntrattur innifsu. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li fil-preżent, l-iskrivan tal-Kunsill qed jagħmel eżerċizzju ta' *filing* ta' dokumenti antiki tal-Kunsill li kienu għadhom ma ġewx *filed*. Dan sabiex ikun hemm *audit trail* faċli u trasparenti għall-istaff u l-Kunsilliera kollha.

2.21 Inġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li parti żgħira mill-bankina bejn Triq il-Għajn u Triq il-Kappillan Ġużepp Hili qed tkun tiżloq ħafna u jistgħu jweġġgħu xi nies. Fid-dawl ta' dan, is-Sindku propona u l-Kunsill qabel li għandhom isiru faxxi suwed biex din ma tibqax tiżloq u s-sitwazzjoni tiġi rimedjata.

2.22 Ġie propost sabiex jiġu organizzati żewġ ħarġiet kulturali f'Malta – waħda għall-festa titulari tat-Trasfigurazzjoni tal-Mulej (is-Salvatur) f'Ħal-Lija nhar il-Ġimgħa 5 ta' Awwissu u oħra għall-festa titulari ta' Santa Katerina V.M. fiż-Żurrieq nhar is-Sibt 3 ta' Settembru. Il-Kunsill qabel li dawn il-ħarġiet għandhom jiġu organizzati. Ser jiġi ippreparat l-avviż li jitqassam fir-residenzi kollha tal-Fontana mill-ħaddiema assenjati mill-Kunsill.

2.23 Wara s-suċċess tal-*pigeon culling session* li saret fil-Fontana nhar il-Ħamis 26 ta' Mejju 2016 u li fiha ġew eliminati madwar disgħin ħamiema, is-Sindku propona u l-Kunsill qabel li għandna norganizzaw sessjoni oħra fl-aħħar ġimgħa ta' Awwissu. Skont kif ġie deċiż f'laqgħat preċedenti tal-Kunsill, ser inżidu wkoll Triq Għajn Tuta. Ser nitolbu l-awtorizazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti u ser nibbukkjaw ukoll is-servizz ta' pulizija li jkun preżenti waqt din is-sessjoni.

2.24 Il-*flushing* tat-*toilet* fl-uffiċċju amministrattiv mhux qed jiffunzjona kif suppost. Fid-dawl ta' dan, is-Sindku propona u l-Kunsill qabel li għandna ninkarigaw lil xi ħadd biex jagħmel il-manutenzjoni neċessarja.


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

2.25 Irċivejna stima mingħand il-kumpanija ELC Limited li fiha din il-kumpanija qed titlob il-ħlas ta' € 118 (VAT inkluża) fil-ġimgħa għal servizz ta' tisqija ta' erbgħin qasrija darbtejn fil-ġimgħa fit-Toroq John Gaspard Le Marchant u l-Kardinal Alessandro Franchi. Il-Kunsill iħoss li din l-istima hija għolja wisq għall-*budget* limitat li għandu l-Kunsill.

Fid-dawl ta' dan, is-Sindku Saviour Borg propona li dan ix-xogħol għandu jsir mis-Sur Emmanuel Conti għal ħlas ta' € 10 kull ġurnata. Dan ser isir nhar ta' Tnejn u nhar ta' Hamis (darbtejn fil-ġimgħa).

*Mill-Kunsillier Horace Micallef*:

2.26 Irċieva talba mingħand xi residenti sabiex tiġi installata bozza ġdida ma' arblu fil-kantuniera ta' Triq il-Kardinal Alessandro Franchi. Is-Sindku Saviour Borg informa lill-Kunsill li r-Reġjun Għawdex qed jagħmel eżerċizzju fejn jistgħu jiżdiedu aktar lampi u din hija waħda minnhom.

2.27 Irċieva talba mingħand is-Sur Raymond Magro ta' Triq John Gaspard Le Marchant sabiex jiġu installati xi *floodlights* fit-triq fejn joqgħod hu minħabba li qed ikun hemm ħafna dlam fl-inħawi. Din it-talba diġa' tinsab fir-rapport li ser jitressaq għall-approvazzjoni tar-Reġjun Għawdex.

2.28 Irċieva talba mingħand is-Sur Raymond Magro ta' Triq John Gaspard Le Marchant sabiex ikompli jittella' ħajt fin-naħa ta' wara tat-triq minħabba li allegatament qed isiru xi abbużi. Is-Sindku qal li s-Sur Magro kellu jibgħat din l-informazzjoni lill-Kunsill biex tkun tista' tittieħed deċiżjoni.

3. <u>Qari tal-Korrispondenza</u>

3.1 Ċirkulari numru 05/2016 maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali intitolata 'Kjarifika għal Ċirkulari 02/2016 – Permessi għall-Ħatt ta' Merkanzija minn fuq *trailers*'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

3.2 Ċirkulari numru 06/2016 maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali intitolata 'Obbligi u Dmirijiet tas-Segretarji Eżekuttivi'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

3.3 E-mail mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali li fiha qed jinforma lill-Kunsilli Lokali li d-*deadline* li jmiss għall-proġetti ta' skambji kulturali iffinanzjati mill-programm *Europe for Citizens* huwa l-1 ta' Settembru 2016. Il-Kunsill innota l-kontenut.

3.4 E-mail mingħand Francesco Pio Attard, rappreżentant tal-Arkivju Nazzjonali ta' Għawdex, li fiha qed jitlob il-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali fl-organizazzjoni


Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

ta' esebizzjoni bit-tema 'In-Niċeċ Storiċi ta' Għawdex', liema wirja ser tiġi inawgurata nhar il-Ġimgħa 7 ta' Ottubru 2016. L-Arkivju jixtieq li (i) kull Kunsill Lokali jissuġġerixxi liema huma ż-żewġ jew tliet niċeċ l-aktar storiċi, antiki u importanti fiż-żona tiegħu u (ii) kull Kunsill Lokali jikkontribwixxi l-offerta żgħira ta' € 25 sabiex kull niċċa tkun tista' tiġi riprodotta bil-kulur fil-katalgu li ser joħroġ għal din l-okkażjoni.

Is-Sindku Saviour Borg propona u l-Kunsill qabel li għal din l-esebizzjoni għandna nissuġġerixxu n-niċċa tas-Salvatur, in-niċċa tal-Kunċizzjoni li għadha kemm ġiet restawrata u n-niċċa tal-Maternita' tal-Madonna fuq l-Għajn il-Kbira. Il-Kunsill qabel li għandna noffru wkoll s-somma rikjesta ta' € 25 bħala kontribuzzjoni għal din il-wirja.

3.5 Ittra mingħand Peter Paul Barbara, *national coordinator* tal-*Malta National Electromobility Platform*, li fiha qed titlob lill-Kunsill sabiex jissuġġerixxi xi siti fil-lokalita' fejn jistgħu jiġu installati l-*electric vehicle charging points*. Dan bħala parti minn proċess ta' installazzjoni ta' *points* ġodda għal dawn il-vetturi. Is-sottomissjonijiet għandhom jaslu għand Transport Malta sa mhux aktar tard minn nhar il-Ġimgħa 12 ta' Awwissu 2016.

Fuq proposta tas-Sindku u tal-Kunsillier Horace Micallef, il-Kunsill qabel li għandna nissuġġerixxu l-bankina tas-Sala tal-Komunita', l'isfel mill-uffiċċju tal-Kunsill.

3.6 Ċirkulari numru 07/2016 maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali intitolata 'Ġbir ta' *Data* dwar *Aged Creditors' Balance* sat-30 ta' Ġunju 2016'. L-informazzjoni rikjesta ġiet mogħtija lid-Dipartiment mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv.

3.7 Ċirkulari numru 08/2016 maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali intitolata 'Inizjattiva Finanzjarja Favur il-Komunita' – Libreriji Lokali/Reġjonali'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

3.8 E-mail mingħand Dr. Antoinette Damizia, il-kunsilliera responsabbli mill-ġemellaġġi fil-Kunsill ta' Serrone fl-Italja, li fiha qed tistieden rappreżentanza mill-Kunsill Lokali tal-Fontana sabiex tattendi għall-festival Cesanese li ser jinżamm bejn it-18 u l-21 ta' Awwissu 2016. Fl-istess waqt, Dr. Damizia qed tistaqsi lill-Kunsill dwar il-possibilita' li nospitaw delegazzjoni mill-Kunsill ta' Serrone fl-Italja bejn id-19 u l-21 ta' Settembru 2016. Dan sabiex jingħata bidu għad-diskussjonijiet li jistgħu jwasslu għal ftehim ta' ġemellaġġ ma' din il-lokalita' fl-Italja.


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

Wara diskussjoni qasira, il-Kunsill qabel li għandna nistiednu delegazzjoni ta' żewġ persuni mill-Kunsill ta' Serrone fl-Italja sabiex jagħmlu żjara ta' jumejn fil-Fontana bejn it-Tnejn 19 u l-Erbgħa 21 ta' Settembru 2016. Il-Kunsill qabel li l-ispejjeż tal-biljetti tal-ajru għandhom jiġu koperti minn dawk li ser jattendu filwaqt li l-ispejjeż tal-akkomodazzjoni u t-trattamenti meħtieġa għandhom jitħallsu mill-Kunsill. Il-Kunsill inkariga lill-Aġent Segretarju Eżekuttiv sabiex jipprepara programm għaż-żjara ta' dawn id-delegati barranin.

3.9 E-mail mingħand is-Sur Amabile Zammit li fiha qed jibgħat id-dokumenti relatati mal-ftehim ta' ġemellaġġ li jista' jsir bejn il-lokalita' tal-Fontana u l-lokalita' ta' Aci Castello fl-Italja. Il-Kunsill innota l-kontenut.

3.10 Ċirkulari mill-Uffiċċju tal-Kummissarju tat-Tfal li fiha dan l-Uffiċċju qed iħeġġeġ lill-Kunsilli Lokali kollha ta' Malta u Għawdex sabiex jorganizzaw attivita' li permezz tagħha jfakkru l-Jum Dinji tat-Tfal li ser jiġi iċċelebrat nhar il-Ħadd 20 ta' Novembru 2016.

Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li għandna norganizzaw attivita' immirata għat-tfal nhar is-Sibt 19 ta' Novembru fis-Sala tal-Kommunita'. Il-Kunsill qabel li għandna nistiednu lid-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili sabiex jagħmlu wirja bil-klieb għat-tfal u jiġi provdut ukoll servizz ta' *bouncy castle*. Aktar dettalji dwar l-organizazzjoni ta' din l-attivita' jingħataw fix-xhur li ġejjin.

3.11 Ċirkulari numru 09/2016 maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali intitolata 'Inizjattiva dwar Restawr ta' Postijiet Storiċi għas-sena 2016'. Din l-iskema hija applikabbli għall-Kunsilli Lokali ta' Malta biss. Il-Kunsill innota l-kontenut.

4. <u>Ilmenti mir-residenti</u>:

4.1 Ilment mingħand George N. Cassar ta' 17, Triq il-Kappillan Ġużepp Hili, li fih qed jiġbed l-attenzjoni tal-Kunsill rigward żewġ tarġiet li huma skomdi u għoljin wisq għal nies ta' ċerta eta' f'żewġt itruf ta' bankina li tinsab fi Triq il-Għajn, ftit 'l isfel mill-ħanut 'Ta' Lippu'.

Is-Sindku Saviour Borg innota li, minn informazzjoni li għandu, il-bankina imsemmija hija propjeta' privata u għaldaqstant il-Kunsill ma jistax jieħu azzjoni dwar dan l-ilment. Il-Kunsillier Mario Mercieca qal li, fiċ-ċirkostanzi preżenti, ikun aħjar jekk il-Kunsill jivverifika mal-awtoritajiet kompetenti rigward din il-materja. Wara diskussjoni qasira, is-Sindku propona u l-Kunsill qabel li għandna ninfurmaw lis-Sur Cassar bl-informazzjoni li għandna rigward din il-bankina.

4.2 Talba mingħand Grace Cardona ta' 64, 'Casa Cardona', li fiha qed tistaqsi lill-Kunsill għalfejn il-mera li kien talab għaliha Mons. Rosario Borg f'Marzu 2016,


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

għadha ma twaħħlitx. Is-Sindku propona u l-Kunsill qabel li għandna ninfurmaw lis-Sinjura Cardona li din il-mera kienet inqalgħet peress li ma kienx għad fadal bżonnha u għaldaqstant mhix ser terġa' teħel. Dan għar-raġuni li Mons. Rosario Borg kien talab li tinqala' peress li m'għadux isuq.

4.3 Talba mingħand Pauline Attard ta' 'Kenn Ġorġjan', Triq John Gaspard Le Marchant, li fiha qed titlob lill-Kunsill sabiex joħroġ avviż ħalli r-residenti ma joħorġux il-boroż tal-iskart kmieni wisq. Il-Kunsill innota li avviż simili ser jitqassam f'Settembru li ġej meta titqassam lir-residenti l-iskeda l-ġdida tal-ġbir tal-iskart kif imnedija mill-kumpanija *Wasteserv Malta* b'kollaborazzjoni mal-Kunsilli Lokali Għawdxin.

Il-laqgħa tal-Kunsill ġiet sospiża fil-5.15pm sabiex il-Kunsill seta' jitkellem mal-avukat Dr. Jean Paul Grech LLD rigward il-kwistjoni pendenti li l-Kunsill għandu mal-kuntrattur Nicholas Zammit. Il-laqgħa kompliet fil-5.35pm.

Wara li l-laqgħa tkompliet, l-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li rċivejna korrispondenza mingħand is-Sur Nicholas Zammit li fiha hu qed jitlob li bi qbil reċiproku s-servizz ta' ġbir ta' skart goff jitkompla b'mod normali darba fil-ġimgħa. Il-Kunsill innota li hu qatt ma waqqaf is-servizz ta' ġbir ta' skart goff kif hemm indikat fl-email tas-Sur Zammit anzi kuntrarjament, il-Kunsill baqa' jitlob is-servizz b'mod regolari pero' dan ma kienx qiegħed jingħata mill-kuntrattur. Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li għandna nitolbu lis-Sur Zammit sabiex iħallas l-ispejjeż kollha relatati mas-servizzi professjonali ta' avukat li l-Kunsill kellu jqabbad sabiex jiggwidah fuq din il-problema li ħoloq il-kuntrattur innifsu. Dawn l-ispejjeż jinkludu l-ħlas li ħallas il-Kunsill biex setgħet titpoġġa l-ittra uffiċjali fil-Qorti għat-terminazzjoni tal-imsemmi kuntratt, il-ħlas tad-drittijiet professjonali tal-avukat relatati ma' din l-ittra u l-kont tal-pariri li l-avukat Dr. Jean Paul Grech ta lill-Kunsill fuq din il-kwistjoni.

Din id-deċiżjoni ittieħdet fid-dawl tal-fatt li l-avukat Dr. Jean Paul Grech informa lill-Kunsill li d-dokument tal-offerta (*tender*) kif maħruġ mill-Kunsill Lokali f'Awwissu 2015 m'għandux klawsola li tipprovdi għal terminazzjoni awtomatika tal-kuntratt u għaldaqstant, f'dan il-każ partikolari, terminazzjoni awtomatika ma tistax issir. Infatti, il-klawsola numru 37 li hemm riferenza għaliha fid-dokument tal-offerta fil-verita' mhix qiegħda hemm.

5. <u>Approvazzjoni tal-pagamenti</u>

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ippreżenta lill-Kunsill il-lista ta' pagamenti biex jiġu approvati f'din il-laqgħa.

Il-Kunsill qabel unanimament li:


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

(a) Il-pagamenti lill-kumpanija MED Developers, Designs & Consultants għal servizzi professjonali ta' Perit fuq diversi proġetti tal-Kunsill għandhom jiġu temporanjament sospiżi sakemm l-Aġent Segretarju Eżekuttiv jiċċekkja t-termini u l-kundizzjonijiet tal-kuntratt li l-Perit Anthony Bezzina għandu mal-Kunsill, liema kuntratt kien ġie iffirmat fi Frar 2016; u

(b) Il-pagament lill-kumpanija Guard & Warden Services Ltd għal servizz ta' gwardjani lokali f'Ġunju 2015 għandu jiġi temporanjament sospiż sakemm naraw fiex kien jikkonsisti dan is-servizz (is-Sindku qal u l-Kunsill qabel li għandu jitħallas biss is-servizz ta' Diċembru 2015 li ngħata waqt iż-żjara tal-E.T. il-President ta' Malta fil-Fontana).

Il-Kunsill approva unanimament il-pagamenti l-oħra u ċ-ċedola ta' pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku u mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv.

6. <u>Aġġornament</u>

Is-Sindku Saviour Borg propona u l-Kunsill qabel unanimament li l-laqgħa li jmiss għandha ssir nhar il-Ġimgħa 26 ta' Awwissu 2016 fis-2.30pm fis-Sala tal-Kommunita' b'aġenda li tkun komunikata aktar 'il quddiem.

Fi tmiem din il-laqgħa, is-Sindku Saviour Borg flimkien mal-Kunsilliera kollha tal-Kunsill Lokali tal-Fontana awguraw l-isbaħ xewqat lill-Aġent Segretarju Eżekuttiv Ivan Attard fl-okkażjoni taż-żwieġ tiegħu li ser isir fil-Knisja Parrokkjali tal-Għasri nhar is-Sibt 6 ta' Awwissu 2016. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv irringrazzja lill-Kunsill tal-Fontana għal dawn l-awguri sinċieri.

Il-laqgħa spiċċat fis-6.00pm.

| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
|---|---|
| Saviour Borg | Ivan Attard |
| Sindku | Aġent Segretarju Eżekuttiv |


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555